,

**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**

**Illum l-Erbgħa 21 ta' Ġunju 2023**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 16/2017**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Keith Cremona**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 16 tal-2017 kontra Keith Cremona akkużat:

> **Fl-Ewwel Kap** talli nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs), flimkien ma' żewġ persuni mhux magħrufa, ikkommetta serq mill-fond Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta'

Giorni, San Ġiljan, Malta, b'dana illi dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (il-għaliex sar flimkien ma' offiża gravi fuq Bennie (Benedetta) Meilaq - persuna ta' aktar minn sittin (60) sena, kif ukoll il-għaliex sar flimkien ma' sekwestru tal-persuna, kif ukoll il-għaliex il-ħalliel ippreżenta ruħu armat, kif ukoll il-għaliex il-ħallelin ippreżentaw irwieħom iżjed minn tnejn), bil-lok (il-għaliex sar f'dar ta' abitazzjoni), u bil-valur (il-għaliex il-flus misruqa kienu aktar minn mitt Lira Maltin ta' dak iż-żmien).

**Fit-Tieni Kap**, talli nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs), flimkien ma' żewġ persuni mhux magħrufa, ġewwa l-fond Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, Malta, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra persuna [Bennie (Benedetta) Meilaq] kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi l-persuna arrestata, miżmuma, jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna.

**Fit-Tielet Kap**, talli nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs), ġewwa l-fond Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, Malta, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed ilħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara gravi fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra [Bennie (Benedetta) Meilaq], persuna li għalqet l-eta' ta' sittin (60) sena, b'dana illi din l-offiża gravi kkaġunat debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem u ġabet sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ

**2.** Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta' l-akkużat Keith Cremona ppreżentata fit-18 ta' Diċembru 2017 u l-Lista tax-Xhieda annessa mal-istess.

**3**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Diċembru 2022 li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u s-seba' (7) eċċezzjonijiet imressqa mill-akkużat, laqgħet il-ħames (5) eċċezzjoni kif ukoll is-sitt (6) eċċezzjoni limitatament u għalhekk ordnat l-isfilz tal-istqarrija tal-akkużat, a fol 35 u 36 tal-istess atti tal-kumpilazzjoni immarkata bħala MM1, u ordnat li jiġu skartati kwalunkwe referenza għal kontenut tal-istqarrija u għal dak li l-akkużat setgħa qal matul l-investigazzjoni mingħajr ma kien assistit minn Avukat. Ordnat ukoll l-isfilz tas-sentenza datata s-

sebgħa (7) ta' Jannar tas-sena elfejn u għaxra (2010) esebita a fol 90 sa 96 tal-atti tal-kumpilazzjoni.

**4.** Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-Avukat Ġenerali fit-22 ta' Diċembru 2022 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja dik il-parti tas-sentenza fejn il-Qorti Kriminali laqgħet il-ħames eċċezzjoni u iddikjarat l-istqarrija bħala inammissibbli w ordnat li tiġi sfilzata mill-atti kif ukoll li ma jsir l-ebda referenza għaliha u għal dak kollu li l-akkużat seta' qal lill-pulizija meta ma kienx assistit, u minflok tikkonferma l-istess stqarrijiet bħala prova ammissibbli u produċibbli fil-Ġuri, filwaqt li tikkonfermaha fil-bqija u dana fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**5**. Rat ir-risposta tal-akkużat Keith Cremona ippreżentata fl-24 ta' Jannar 2023 fejn issottometta li l-Qorti Kriminali kienet legalment korretta u ġusta meta ddikjarat illi l-istqarrija kif ukoll dikjarazzjonijiet oħra magħmula mill-esponenti jiġu sfilzati u in segwitu ordnat sabiex ma ssir l-ebda referenza għal tali dikjarazzjonijiet, u għalhekk l-appell ta'l-Avukat Ġenerali għandu jkun miċħud.

**6.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

**7.** Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**8**. Illi l-appellant Avukat Ġenerali isib oġġezzjoni għas-sentenza tal-Qorti Kriminali meta din iddikjarat l-istqarrija rilaxxata mill-appellat Keith Cremona bħala prova inammissibbli u nieqsa minn valur probatorju, flimkien ma' dawk id-dikjarazzjonijiet oħra kemm verbali kif ukoll bil-miktub li hu seta' għamel lil pulizija, u dan għal motiv uniku illi huwa ma kellux avukat preżenti miegħu waqt l-interrogatorju sabiex joffrilu

dik l-assistenza meħtieġa filwaqt li potenzjalment seta' irrilaxxa dikjarazzjonijiet inkriminatorji u li ser jintużaw bħala prova fil-proċess kriminali istitwit kontrih. Isostni fl-aggravju minnu ntentat illi l-qrati ta' natura penali m'għandhomx il-kompetenza li jiddeċiedu jekk din il-prova għandiex titwarrab minħabba leżjoni ta' drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali tal-persuna akkużata, iktar u iktar meta dik il-prova tkun inkisbet skont il-liġi. Huwa tal-fehma illi fuq skorta tas-sentenzi mogħtija mill-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ġaldarba l-proċess ġudizzjarju kontra l-appellat għadu ma seħħx fl-intier tiegħu, kwindi f'dan l-istadju ma jistax jingħad jekk il-prova li qed tfittex biex tagħmel il-Prosekuzzjoni permezz tal-istqarrija tiegħu tistax twassal għal xi ksur tad-dritt tiegħu għal smiegħ xieraq.

**9**. L-appellat jilqa' għal dan l-aggravju imqanqal mill-Avukat Ġenerali billi jistrieħ fuq diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti Kostituzjonali u mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn l-ilmenti imqanqla f'dan l-appell kollha kienu indirizzati u fejn kien deċiż illi l-istqarrijiet għandhom xortawaħda jkunu rimossi mill-atti proċesswali.

**10**. Illi l-Ewwel Qorti għoġobha tilqa' din l-eċċezzjoni mqanqla mill-akkużat marbuta mal-istqarrija rilaxxata minnu lill-pulizija u dan meta ddikjarat din il-prova li bi ħsiebu jressaq l-Avukat Ġenerali bħala waħda inammissibbli. Stqarret hekk il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha:

> **Fil-kaz odjern, kif diga gie ritenut, l-akkuzat Keith Cremona irrilaxxa stqarrija, fejn inghata l- 'caution' skond il-ligi ta' dak iz-zmien. L-istqarrija ttiehdet fis-sena 2012 u ghalhekk l-akkuzat filwaqt li kellu dritt li jikkonsulta ma avukat qabel l-interrogazzjoni, hu ma kellux dritt li jkun assistit minn avukat matul l-interrogatorju. Illi ghalkemm huwa minnu illi l-akkuzat ma ffirmax l-istqarrija minnu rilaxxata u d-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghal parir legali, dan ma jfissirx awtomatikament li dan kien ser jirrinunzja li jkun assistit legalment matul l-interrogazzjoni. Ghalhekk jibqa' l-fatt illi jista' jkun hemm pregudizzju kontra l-akkuzat.**
>
> **Din il-Qorti tqis li sal-gurnata tal-lum ma jistax jinghad li l-kwistjoni dwar jekk stqarrija ghandhiex tibqa' in atti nonostante l-fatt li ttiehdet fiz-zmien**

**fejn il-ligi ma kienitx tipprovdi ghad-dritt li suspettat ikun assistit minn Avukat matul l-interrogazzjoni hija kristalizzati, anzi kif muri f'din is-sentenza l-Qrati taw direzzjonijiet differenti dwar din il-kwistjoni.**

**Din il-Qorti terga temfasizza illi l-fatt li l-akkuzat f'kaz ta' sejbien ta' htija jkollu dritt li jappella d-decizjoni tal-Qorti Kriminali mhijiex salvagwardja bizzejjed ghal harisen tad-drittijiet tieghu, dan anke tenut kont tal-fatt li hekk kif jipprovdi l-artikolu 509(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta 'Il-Qorti tal-Appell Kriminali tista', jekk jidhrilha xieraq, fuq rikors tal-appellant teħles lill-appellant mill-arrest bil-garanzija pendenti ddeċiżjoni tal-appell tiegħu magħmul skont l-artikolu 499 jew 500', u ghalhekk bil-possibilta' li persuna ma tinghatax il-helsien mill-arrest waqt li l-appell ikun ghadu pendenti bil-possibilta' li sussegwentement il-Qorti ssib li tkun sehhet lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq in vista tal-mod ta' kif ittiehdet l-istqarrija.**

**Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat hija leziva tad-drittijiet tal-akkuzat, tqis izda li in vista tal-fatt li l-Qrati ghadhom sal-lum il-gurnata jaghtu direzzjonijiet differenti dwar l-uzu li ghandu jsir minnha stqarrija rilaxxata fiz-zmien meta akkuzat ma kellux jedd ikollu Avukat prezenti, fl-interess tal-gustizzja u l-integrita' tal-process, ghandha tiddikjara l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat Keith Cremona u li tinsab a fol 35 et sequitur tal-atti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja bhala inamissibbli u ghalhekk qieghda tordna l-isfilz taghha. Konsegwentement qieghda tiddikjara kwalunkwe referenza li saret fl-atti fil-provi inkluz fix-xhieda ghal dak li l-akkuzat setgha qal waqt l-investigazzjoni u waqt l-istqarrija minghajr prezenza ta' Avukat bhala ukoll inammissibbli**

**11**. Illi l-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża u mill-verbal tas-seduta tat-3 ta' April 2019 jirriżulta illi id-difensuri tal-appellat kienu infurmaw lil Qorti Kriminali li kien ġie ippreżentat rikors kostituzzjonali quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali), kopja ta' liema rikors bin-numru 48/19AF kien ippreżentat fl-atti u jinsab a fol.74 sa 77, f'liema rikors l-appellat kien talab lil dik il-Qorti:

1. **Tiddikjara illi minhabba l-fatt illi, l-esponenti ma kellux l-assistenza legali waqt l-arrest u l-interrogazzjoni tieghu, gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti ghal smigh xieraq kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.**

**2. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi.**

**12**. In sewgitu għal dan il-Qorti Kriminali ddifferiet il-kawża *sine die* riappuntabbli fuq talba tal-Prosekuzzjoni ġaldarba tiġi deċiża il-kawża kostituzzjonali. Jirriżulta, iżda mill-atti, illi fuq talba tal-akkużat il-Qorti kienet irrikjamat il-kawża għas-smigħ u dan peress illi kien hemm possibbilita' ta' patteġġament wara li l-akkużat kien iddikjara fir-rikors tiegħu tat-12 ta' Novembru 2020 li xtaq jammetti l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu. Jidher, madanakollu, li dawn it-trattativi fallew tant illi kompla is-smigħ tal-każ bil-ġuri ikun appuntat għat-18 ta' Ottubru 2021, għalkemm ma kienx għadu sar is-smigħ tal-eċċezzjonijiet preliminari. Permezz ta' nota ippreżentata mill-akkużat fil-31 ta' Mejju 2021, imbagħad, l-akkużat informa lil Qorti Kriminali li xtaq jipprevalixxi ruħu minn dak dispost fl-artikolu 436(6) tal-Kodiċi Kriminali u jagħżel li l-ġuri jsir mingħajr ġurija. Ġara illi fis-seduta tad-19 ta' Awwissu 2021, u għalhekk qabel id-data iffissata għaċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, id-Difiża infurmat lil Qorti Kriminali li ma kenitx fi ħsiebha tirtira l-eċċezzjonijiet preliminari minnha sollevati u xtaqet tressaq eċċezzjoni ulterjuri. Illi t-talba imressqa mill-akkużat sabiex iressaq eċċezzjoni ulterjuri, iżda, kienet miċħuda, u sussegwentement kienu trattati u deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-appellat.

**13.** Il-Qorti ħasset li kellha titraċċa dan l-*iter* proċesswali għaliex għalkemm matul dan iż-żmien il-kawża kostituzzjonali ntavolata mill-akkużat kienet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali), liema sentenza għaddiet in ġudikat bl-ebda mill-partijiet ma jintavolaw appell mill-istess, dan il-fatt madanakollu ma nġiebx a konjizzjoni tal-Qorti Kriminali biex b'hekk għaddiet biex tisma' t-trattazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet preliminari, inkluża allura dik li kienet titratta l-inammissibbilita' tal-istqarrija tal-akkużat bħala prova, meta dan il-punt kontrovers kien diġa' determinat fis-sede kostituzzjonali.

**14**. Illi l-kawża kostituzzjonali ntavolata mill-appellat, fejn appuntu huwa kien qanqal il-kwistjoni dwar leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq minħabba n-nuqqas li jkun assistit minn avukat filwaqt tal-interrogazzjoni, kienet deċiża, kif ingħad, b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fl-ismijiet **Keith Cremona vs Avukat Ġenerali** (rikors numru 48/2019AF) fid-19 ta' Frar 2020. Illi l-Qorti ser tiċċita din is-sentenza *in extenso* u dan għaliex ġaldarba l-eċċezzjoni dwar l-inammissibbilita' tal-istqarrija tal-akkużat hija msejsa fuq il-vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, kwindi l-Qorti Kriminali ma kellhiex għalfejn tidħol biex tqies din l-eċċezzjoni, ġaldarba il-mertu kien deċiż meta l-Qorti Civili fis-sede kostituzzjonali tagħha għalkemm ċaħdet l-eċċezzjoni tal-intempestivita' tal-ażżjoni imqanqla mill-Avukat Ġenerali, u wara li straħet fuq dak deċiż fis-sentenzi *Bueze vs il-Belġju* u *Farrugia vs Malta* tal-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, ikkonkludiet hekk:

> **"Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża odjerna, din il-Qorti tqis illi bl-ebda mod ma ġie muri li ġew leżi jew x'aktarx ser jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent minħabba l-fatt illi ma setax ikun assistit minn avukat meta ttieħditlu l-istqarrija.**
>
> **Ir-rikorrent għażel li ma jixhedx f'dawn il-proċeduri iżda preżenta kopja ta' din l-istqarrija, minn fejn jirriżulta li huwa ma weġibx għall-mistoqsijiet li sarulu u rrifjuta li jiffirma l-imsemmi dokument, kif irrifjuta wkoll li jiffirma d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-jedd għall-parir legali qabel l-interrogazzjoni. Ċertament mhuwiex il-kaz illi b'xi mod inkrimina ruħu u naturalment, il-pulizija ma tista' tagħmel l-ebda użu minn din l-istqarrija fil-proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu.**
>
> **Filwaqt illi l-Avukat Ġenerali naqas milli juri li kien hemm raġunijiet tajbin sabiex iżommu lir-rikorrent milli jkollu avukat preżenti waqt l-interrogazzjoni u waqt li ttieħditlu l-istqarrija, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kinitx tippermetti l-assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi r-rikorrent, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall-konklużjoni tagħha.**
>
> **F'dan il-każ, ir-rikorrent irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizija u assolutament ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni jew waqt li ttieħditlu l-istqarrija.**

**Ir-rikorrent naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Jirriżulta li din ma kienitx l-ewwel darba li r-rikorrent xellef difrejh mal-ġustizzja. Lanqas ma tirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom sarulu l-mistoqsijiet kienu għalih intimidanti jew li ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Huwa għażel li ma jweġibx volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih.**

**Fuq kollox, jirriżulta li l-pulizija għandhom prova oħra li tista' tkun biżżejjed u ghalhekk illi pproċedew kontra r-rikorrent. Din l-evidenza ser tkun evalwata minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.**

**Finalment, il-Qorti tgħid illi huwa indubbjament fl-interess pubbliku li r-rikorrent jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali in konnessjoni ma serqa vjolenti fuq persuna vulnerabbli.**

**Għaldaqstant, il-Qorti ssib li r-rikorrent ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bilfatt biss illi meta huwa ġie interrogat u ttieħditlu stqarrija il-liġi ma kinetx tippermetti li jkun megħjun minn avukat.**

**Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu."**

**15**. Illi l-appellat, għalhekk, f'dan l-istadju tal-proċeduri ma jistax jilmenta illi qed isofri xi leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq meta hemm pronunzjament kostituzjonali fis-sens illi din il-leżjoni jew potenzjalita' tagħha ma hijiex riskontrata fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. Tqies illi l-Qorti Kriminali ma setatx allura tiddikjara l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat, u kull dikjarazzjoni marbuta mal-istess bħala inamissibbli, u dan meta il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha kienet iddeċidiet li ma kienx hemm tali leżjoni u dan immaterjalment dwar l-inċertezza legali jew gudiżżjarja li l-Qorti Kriminali ħasset li kienet qed tirriskontra dwar deċiżjonijiet mill-qrati lokali u ewropej in materja.

**16.** Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, u billi d-difiża qed issejjes l-eċċezzjoni tagħha dwar l-inammissibilita' ta' l-istqarrija ta' l-akkużat mhux fuq xi regola penali tal-evidenza li teskludi dik il-prova, peress li l-istess stqarrija kienet konformi mal-liġi penali viġenti dak iż-żmien, iżda fuq l-allegata leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jekk isir użu minn dik l-istqarrija fil-ġuri, u peress ukoll illi mill-pronunzjament tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali tali leżjoni ma tirriżultax, f'dan l-istadju tal-proċeduri l-imsemmija prova m'għandhiex tiġi skartata billi mhuwiex nieqes il-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata. Tikkonfermaha fejn din ċaħdet l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4) u s-seba' (7) eċċezzjonijiet imressqa mill-akkużat u fejn laqgħet in parte l-eċċezzjoni bin-numru 6, iżda tirrevokaha fejn laqgħet l-eċċezzjoni bin-numru ħamsa (5) u minflok tgħaddi biex tiċħad l-imsemmija eċċezzjoni ukoll.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**